

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fit-22 ta' Ottubru 2018 – CTT – Correios de Portugal vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

**(Kawża C-661/18)**

(2019/C 25/26)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: CTT – Correios de Portugal

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

**Domandi preliminari**

- 1) Il-prinċipji ta' newtralità, ta' effettività u ta' ekwivalenza kif ukoll ta' proporzjonalità jipprekludu interpretazzjoni tal-Artikolu 98(2) tas-CIVA <sup>(1)</sup> fis-sens li dan l-artikolu ma japplikax għal sitwazzjonijiet ta' tbdil jew regolarizzazzjoni tat-tnaqqis li jkun sar?
- 2) Il-prinċipji msemmija jipprekludu leġiżlazzjoni bħall-Artikolu 23(1)(b) u (6) tas-CIVA, interpretat fis-sens li l-persuna taxxabbli li tkun għażlet metodu ta' koeffiċjenti u/jew formula ta' tqassim għall-kalkolu tad-dritt għal tnaqqis tat-taxxa mħallsa għal oġġetti u servizzi ta' użu mħallat u li tkun wettqet il-korrezzjoni fuq il-bażi ta' valuri definittivi li jirrigwardaw is-sena li għaliha jirreferi t-tnaqqis, fejn skont l-Artikolu 23(6) tali elementi ma jistgħux jiġu mibdula retroattivament, billi tkun ikkalkolat mill-ġdid it-tnaqqis inizjali li kien għe preċedementem irregolarizzat skont din id-dispożizzjoni, fil-kuntest tal-kalkolu retroattiv tal-VAT fir-rigward ta' attività li inizjalment qieset li kienet eżentata?

<sup>(1)</sup> Código do Imposto sobre o Valor Acrescentado (Kodiċi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Grondwettelijk Hof (il-Belġju) fil-25 ta' Ottubru 2018 – Orde van Vlaamse Balies, Ordre des barreaux francophones et germanophone vs Ministerraad**

**(Kawża C-667/18)**

(2019/C 25/27)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Grondwettelijk Hof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Orde van Vlaamse Balies, Ordre des barreaux francophones et germanophone

Konvenut: Ministerraad